# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Lulju 2023**

**Rikors Nru: 341/21/1JG**
**Nru fuq il-Lista: 23**

**Carmen armla minn Nutar Dottor Salvatore Abela (K.I. 145232M)**

**vs**

**Glenn Carabott (K.I. 357480M)**

**Il-Bord;**

Ra r-rikors promotur[1] datat 3 ta' Diċembru 2021 flimkien mad-dokumenti hemm annessi, fejn, għar-raġunijiet imfissra intalab li l-intimata tiġi kkundannata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlettax il-elf, mitejn u sebgħa u erbgħin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€13,247.48ċ), għar-raġunijiet hemm imfissra.

[1] Inizjalment ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

Ra li l-konvenut debitatment notifikat[2] naqas milli jirrispondi għal din il-kawza b'mod formali jew li jirreġistra dehera waħda f'dawn il-proċeduri.

Ra l-affidavit tan-Nutar Dr. Anthony Abela.

Ra l-kapitolu fil-konfront tal-intimat.

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2022 (quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta)), fejn dik il-Qorti qajmet *ex officio* l-inkompetenza tagħha *ratione materie*.

Ra d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) magħmula fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2022 fejn dik il-Qorti ordnat li l-atti jiġu rinvjati quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera.

Ra d-digriet ta' dan il-Bord kif preċedentement presedut tal-21 ta' Novembru 2022.

Ra l-ħatra tal-President ta' Malta datata 5 ta' Marzu 2023 magħmula ai termini tal-artikolu 16 tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ra l-assenjazzjoni datata 9 ta' Marzu 2023 tal-Prim Imħallef fejn il-kawżi preċedentement mismugħa minn dan il-Bord presedut mill-illum Imħallef Josette Demicoli ġew assenjati lil dan il-Bord kif issa presedut.

[2] Bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni.

Ra dak li seħħ fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2023, fejn din il-kawza tħalliet għas-sentenza.

**Ikkkunsidra**

Illi qabel xejn, kif ġie senjalat fl-*iter* proċesswali hawn fuq riprodott, din id-deċiżjoni qiegħda tingħata minn dan il-Bord kif illum presedut u mhux kif kien presedut waqt is-smiegħ ta' dawn il-proċeduri. Dan il-fatt waħdu ma kien ta' l-ebda xkiel sabiex dan il-Bord kif hawn issa presedut jagħlaq dan il-ġudizzju hu (għaliex f'dan il-każ, meta saret l-assenjazzjoni, il-kawża kienet diġà mmatturat għas-sentenza finali). Tassew, argumenti fejn ġie attakkat proċess ġudizzjarju minħabba kambjament fil-ġudikant ġew kemm il-darba miċħuda[3]. F'dan il-każ ma kien hemm xejn nieqes mill-atti.

---

[3] F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **George Galea vs Maria Carmela *sive* Marica Baldwin,** (App Ċiv Nru: 90/14/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-11 ta' Ottubru 2022 fejn ġie ritenut hekk: *"Din il-Qorti titlaq billi tgħid illi l-fatt waħdu li l-Imħallef li ddeċieda ssentenza fl-ewwel istanza ma kienx l-Imħallef li sema' l-provi ma jġibx b'daqshekk in-nullita` tas-sentenza appellata".* Issir referenza wkoll għal dak li kien ġie awtorevolment deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Mifsud *et* vs Victor Calleja,** (Appell Ċivili Numru. 354/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar ild-9 ta' Jannar 2008 u ċioé: *"...l-appellanti jitilqu mill-punt li jiccensuraw lillewwel Qorti talli din ma semghatx il-provi viva voce iżda qaghdet fuq it-traskrizzjonijiet tax-xhieda gja kompilati flatti. Huma, b' dan, jikkontendu illi l-Qorti ma kellhiex l-"ahjar prova" ghal liema jirreferi l-Artikolu 559 tal-Kapitolu 12. Bir-rispett dovut dan l-argoment hu ghal kollox fallaci, guridikament. Ibda biex, kieku kellu jigi accettat dak sottomess mill-appellanti jkun ifisser illi kull darba li gudikant jissostitwixxi gudikant iehor il-provi jridu jinstemghu ex novo, b' hela ta' energija, dilungar u spejjez zejda. Barra minn hekk, tali deduzzjoni tirrifletti negattivament fuq id-dehen tal-gudikant sostitut ghax ikun ifisser li dan, gjaladarba ma jkunx sema' hu l-provi viva voce, ma jkunx jista' jaghmel gudizzju ghaqli ta' l-ezami u l-valutazzjoni tax-xhieda li tkun traskritta. Tali ragonament, jekk accettat, certament jinnewtralizza ghal kollox il-htiega tar-rakkoljiment tal-provi permezz ta' Affidavits jew permezz ta' l-Assistenti Gudizzjarji, u dan kontra l-volonta tal-legislatur li kkreja d-disposizzjonijiet relattivi dwarhom."* Per kompletezza akkademika mbagħad, il-Bord jirriferi għas-sentenza fl-ismijiet **Albert Noel Portelli *et* vs Paola Developments Limited *et*,** (Appell Civili Numru. 1466/2001/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-3 ta' Novembru 2006 fejn, b'ton qawwi, ġie enunċjat is-segwenti *dictum*: *"Bil-fatt wahdu li, minhabba esigenzi ta' tqassim ta' doveri, il-kawza ghaddiet minn gudikat ghal iehor, ma ghandux necessarjament iwassal ghal dak li donnhom qeghdin jinsinwaw l-appellanti, bla ma pero` jispecifikaw xejn utli jew ta' sostanza. Bl-istess argument, li kieku wiehed kellu jabbraccjah, lanqas din il-Qorti ma jmissha allura tiddeciedi*

Illi mill-assjem tal-provi jirriżulta b'mod l-aktar ampju li l-intimat għażel li ma juri l-ebda attività proċesswali f'dawn il-proċeduri. Naturalment, dan il-fatt ma jistax ikun t'għajnuna għalih, anke għaliex *qui culpa sua damnum sentit, non videtur sentire*[4]. Madanakollu, dan ma jfissirx li dan il-Bord huwa kostrett jaċċetta t-teżi tar-rikorrent bis-sempliċi fatt li ma tiġix ppreżentata kontestazzjoni formali bil-miktub tal-intimat[5].

Illi apparti minn hekk però, meta din il-kawża kienet qiegħda tinstema quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), kien ġie ppreżentat kapitolu kontra l-istess intimat. Dakinhar tas-subizzjoni, l-intimat reġa' ma deherx. Għalhekk hemm prova pożittiva kontra l-istess intimat[6].

---

*dwaru! Riflessjonijiet bla bazi ta' din ix-xorta ftit jaghmlu gieh lil min jasserihom u certament, ma jghinu xejn ghar-rizoluzzjoni gusta u serena ta' procedura gudizzjarja bhal dik in kawza."*

4 *"Chi subisce un danno per propria colpa, non si considera averlo subito."* – Brocard 3983, **Dizionario Dei Termini Giuridici e Dei Brocardi Latini**, Edoardo Mori, VII ediz, 2011, a fol 37.

5 F'dan ir-rigward il-Bord jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Camilleri *et* vs Anthony Aquilina,** (App Nru 5/2015/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Novembru 2016 fejn intqal hekk: *"Kif qorti ghandha, "kull dritt tirileva, anke indipendentement mill-inizjattiva tal-parti konvenuta, in-nuqqas ta' dawk l-elementi li jsostnu l-fundament tal-pretensjoni tal-atturi. Dan jigri dejjem, ukoll fejn parti mharrka tkun fi stat kontumacjali." (Maria Concetta Pons vs Carmelo Degabriele, 20 ta' Novembru 2009), l-istess dritt ghandu l-Bord.* B'żieda ma dan issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Maurice Borg *et* vs Robert Spiteri,** (App Nru: 137/2017) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-18 ta' Ġunju 2018 fejn ġie rrimarkat hekk: *"Mad-daqqa ta' għajn jidher li bl-artikolu 30 il-Bord għandu jdejh marbutin. Pero' f'dan il-każ tressqu provi dokumentarji u xehed l-attur. Il-qorti ma tarax kif a bazi ta' dawk il-fatti l-Bord seta' jagħlaq għajnejh u jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti qiesu xejn mhu xejn."*

6 Fis-sentenza fl-ismijiet **Stephen u Claudia miżżewġin Vella vs Bollicine Limited Et**, (Appell Civili Numru. 161/2005/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Jannar 2008 in tema ngħad li: *"Dan premess, jibda biex jigi osservat illi in linea ta' principju l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament prevvisti u determinati mil-ligi taht il-Kapitolu 12. Ara Artikoli 698 (2) u 702 (3). Minnhom huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f' min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghal kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li eskogitatu. Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "Anthony Borg -vs- Samwel Veneziani", Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998, illi "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut".*

Illi madanakollu, il-Bord huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti, għaliex wara kollox, il-Bord huwa obbligat li janalizza din l-ammissjoni flimkien ma' kull prova oħra[7].

Illi minn eżami tal-affidavit tan-Nutar Dottor Anthony Abela, mhux kontradett, kif ukoll tad-dokumenti ppreżentati mal-Avviż promotur, jirriżulta li l-azzjoni attriċi timmerita akkoljiment fit-totalitá tagħha.

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jaqtá din il-vertenza billi jikkundanna lill-intimat Glenn Carabott iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlettax il-elf, mitejn u sebgħa u

[7] Fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Sultana vs Tony Xerri**, (Appell Civili - Ghawdex Numru. 7/2009/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Lulju 2010, in tema ngħad li *"... huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din l-istess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process"*. Utli wkoll issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Leonard Incorvaja vs Manuel Camilleri et,** (App Nru: 370/02) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-4 ta' Ġunju 2018 fejn propju aggravju dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti ma kinitx qieset il-fatt tal-kapitolu bħala determinati ġie miċħud wara li sar dan ir-raġunament: *"Għalkemm huwa veru li l-kapitolu għandu jitqies bħala konfessjoni meta s-subent ma jkunx deher il-qorti sabiex iwieġeb u ma jkunx iġġustifika n-nuqqas, pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-qorti għandha toqgħod dejjem fuq il-preżunta konfessjoni. Is-subizzjoni għandha tiġi eżaminata flimkien mal-provi l-oħra tal-kawża, b'mod illi jekk il-kapitolu ma jkunux konfaċenti mal-provi l-oħra tal-kawża, u l-ġudikant jidhirlu li għandu jagħti prevalenza lil dawk il-provi l-oħra, l-konfessjoni preżunta derivanti mis-subizzjoni iċċedi quddiem dawk il-provi l-oħra. Fis-sentenza Fenici Insurance Agency Limited nomine vs Paul Stoner et tat-22 ta' Novembru 2002, din il-qorti qalet: "Il-Qorti tagħmel din l-aħħar osservazzjoni fir-rigward. Ma jfissirx illi l-fatt biss li subent ikun naqas bla ġustifikazzjoni li jidher biex jirrispondi għall-kapitolu magħmul kontra tiegħu kellu neċessarjament iwassal biex il-Qorti tilqa' t-talba attriċi. Dan għaliex skont il-liġi 'l-ammissjoni bis-subizzjoni ta' waħda mill-partijiet tista' tagħmel prova ta' fatt...." (Art. 694(2)). Aktar rilevanti hu s-subinċiż (3) ta' dan l-artikolu li jiddisponi illi f'kull każ tkun magħduda bħala li tagħmel prova dik il-parti biss tal-ammissjoni li l-Qorti jidhrilha li tistħoqq li tkun emmnuta"*. Per kompletezza akkademika, wieħed huwa wkoll mistieden jara dak raġunat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Elmo Insurance Ltd vs Grezzju Abela,** (App Inf Nru: 188/2019) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-16 ta' Frar 2022.

erbgħin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€13,247.48ċ), bl-imgħax legali mit-3 ta' Diċembru 2021[8] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-intimat[9].

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[8] Data tal-preżentata tal-Avviż quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta).
[9] Artikolu 40 tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.